MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**DENNIS MONTEBELLO**

Seduta tad-9 ta' Novembru, 2001

Avvi$Z Numru. 375/2001/1

**Avviz Nru:- 375/01**

**Vodafone Malta Limited**

**vs**

**Laila Ceramics Enterprises Limited**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema s-socjeta' attrici talbet il-kundanna tal-kumpanija konvenuta sabiex thallas is-somma ta' hames mija u tmienja u sittin liri Maltin u hamsa u ghoxrin centezmi (Lm568.25) bilanc ta' somma akbar rapprezentanti access ghall-uzu ta' mobile telephone u 'airtime', ghall-istess uzu, moghti lilhom mis-socjeta' attrici ghall-perjodu mit-13 ta' Mejju 1997 sal-1 ta' Frar 1999.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra bonarja u bl-imghaxijiet legali kontra l-kumpanija konvenuta li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat illi l-kumpanija konvenuta debitament notifikata ma dehrux biex jikkontestaw it-talba attrici u lanqas biex jirrispondu ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant it-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma u l-Qorti qeghda tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-kumpanija konvenuta sabiex thallas lill-atturi s-somma ta' hames mija u tmienja u sittin liri Maltin u hamsa u ghoxrin centezmi (Lm568.25) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz.

B-imghaxijiet legali b'effett mis-27 t'April tas-sena 2000;

Bl-ispejjez kontra l-kumpanija konvenuta.

--------------------------------TMIEM--------------------------------